Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 240 / 2014**

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Anthony Ellul**

Illum, 20 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Ellul, iben Frank, imwieled il-Kanada, fil-21 ta' Awwissu, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 517786 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-kumpanija Salamander Janitor Services Limited (C12183) ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2005, 2006 u 2007 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-30 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23 (1) (2) tal-Kapitolu

372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet tas-socjeta Salamander Janitor Services Limited u kkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200) u multa addizjonali ta' erbgha Euro (€4.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49 (2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f ' xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Ellul minnu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u sabiex fl-eventwalita` li tikkonferma l-htija tieghu li tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

a. **L-artikolu 23 (13) tal-Kap. 372 fuq il-persuna responsabbli.**

Gustament il-proviso ta' l-Artiklu 23 (13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghmel ir-reat . . ."

> "Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min **ghandu fuqu r-responsabilta'** illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal-Kap. fuq imsemmi

372 jibqa responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. " **[sottolinear tal-esponenti]**

Dan jfisser li l-legislatur f' dan il-kuntest, ma kienx qieghed jinvoka l-*vicarious liability* ghal kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur fil-mument ta' ksur ta' din il-ligi – anzi l-oppost! Ried il-legislatur, [gustament bhal ma tghallem is-sentenza citata], li *jkun prosecutable at law and liable for punishment at law*, dik il-persuna li kienet responsabbli mil-hlas tal-istess somom lid-dipartiment koncernat.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jargumenta li kull persuna li tokkupa kariga ta' direttur, effettivament iggor din ir-responsabbilita`, pero bir-rispett huwa zbaljat.

Analizi tad-dispozizzjonijiet li jikkreaw il-pieni, turi u tghallem kif mhux biss jehtieg li jigi ppruvat il-culpa tal-persuna hekk responsabbli, izda ukoll, proprju sabiex trazzan lil dik il-persuna milli aktar il-quddiem tagixxi b' mod bi ksur ta' din il-ligi, fuqu timponi piena ta' prigunerija, second time round u ghalhekk hemm l-obbligu tal-artikolu 49(2) tal-Kap. 372.

L-insistenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kull min huwa direttur huwa awtomatikament responsabbli, hija bir-rispett pwerili. Dan ghaliex meta l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni johrog letter to prosecute kontra l-bord tad-diretturi kollha ta' kumpannija wahda, fil-mument li wiehed minnhom jassumi r-responsabilita` ta' dak in-nuqqas ta' agir u quindi jammetti, immedjatament jirtiraw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-kumplament tal-membri tal-Bord tad-Diretturi! L-istess gara lill-esponenti bhal ma ser ikollu l-opportunita` li jispjega fil-kors tax-xhiedha tieghu u bhal ma certament ser jkun ikkonfermat mill-istess Dipartiment!

Fil-kaz odjern, l-esponenti pprova sal-grad tal-probabbli, li effettivament ma kienx huwa l-persuna responsabbli mil-hlasijiet dovuti u wisq anqas mil-mili tal-formoli relattivi.

Tenut kont ukoll li hawn si tratta ta′ culpa, lanqas ma rnexxielha l-prosekuzzjoni f′ dan il-kaz ma tilhaqq il-livell tal-prova minnha mistenni li effettivament uriet certa nonkuranza u/jew traskuragini da parti tal-esponenti vis-a-vis l-Kap. 372!

Anzi gara l-oppost. L-esponent ipprova li huwa ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat l-ghemil tar-reat ad oppost tal-culpa lilu attribwita. Mill-atti tal-kawza huwa car li ingiebu diversi xhieda li kkorroboraw dak li qieghed jishaq l-esponent, stante li dan gie ikkonfermat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

b. **<u>Nuqqas ta′ prova fir-rigward tal-Kwantifikazzjoni tat-taxxa dovuta</u>**

Illi l-esponenti jikkontendi bir-rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha mertu ta′ dan l-appell, ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, senjatament fir-rigward tal-fatti li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni naqqas milli jgib prova mill-ETC fir-rigward ta′ kemm kien hemm haddiema registrati ma Salamander Janitor Services Ltd fis-snin indikati fic-citazzjoni u kemm effettivament damu hemm jahdmu.

Sal-lum sia d-dipartiment u sia l-esponenti ghandhom ma jistawx jikkwantifikaw l-ammont dovut u dana frott il-frodi li sehhet da parti ta′ Falzon.

Din il-frodi kienet proprju li Falzon kien qieghed jimpjega n-nies pero` meta l-impjieg taghhom jispicca ma kienx qieghed jirregistra tali tmien ta′ impjieg u xorta wahda baqa johrog ic-cheque tal-pagi taghhom pero sabiex jdahhal f′ butu huwa stess ossia Falzon!

Ghaldaqstant lanqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma′ setghet qatt tistabbilixxi tabilhaq l-ammont ta′ taxxa korrispondenti mad-dokument FS3 u FS5 dovuta mis-socjeta` Salamander Janitor Services Ltd verso il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi biex l-Ewwel Qorti tordna lill-esponent jhallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dan irid ikun kwantifikat sal-inqas centenzmu. L-esponent jishaqq li f' pajjizi fejn tirrenja s-saltna tad-dritt, huwa accettat li sia fil-forum penali, kif ukoll fil-forum civili, li biex issir ordni ta' kumpens irrid ikun hemm prova cara tad-dannu u ssir l-kwantifikazzjoni tad-dannu.

Dan l-principju gie stabbilit fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ppresjeduta mill-Imhallef Vincent De Gaetano, fl-ismijiet il-Pulizija vs. Ayman Khalaf (126/2002)[1]. Il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet li ordni ghal Kumpens taht l-artikolu 28H tal- Kodici Kriminali ghandu jsir biss meta l-quantum ikun car, jew meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess quantum. Stante li f' din is-sentenza il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma li ma kienx hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw l-ordni fl-ammont li gie ordnat mill-Ewwel Qorti, jew addirittura f' xi ammont iehor partikolari, il-Qorti tal-Appell sahqet li l-ammont tal-hsara, u l-konsegwenti kumpens ghalih, kellu jithalla biex jigi stabbilit fi proceduri civili. Ghalhekk dik il-Qorti irrevokat l-ordni ghall-kumpens.

Illi dan il-principju gie ukoll enfasizzat fil-kaz **R v. Vivian** - kwotat f' Archbold[2]- fejn il-Qorti tal-Appell Ingliz kienet sahqet:

"*No order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved...*"

Illi dan il-hsieb ukoll gie affermat fil-kaz **R v. Donovan** (1981) fejn il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

"*A compensation order is designed for the simple, straightforward case where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained.*"

---

[1] Deciza 09.09.02

[2] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001 Sweet & Maxwell (London), 2001, paras. 5-418, 5-419;

Illi din il-gurisprudenza Ingliza kienet kwotata ukoll fil-kaz tal-Pulizija vs. Ayman Khalaf suerifferut.

Illi fil-kaz odjern l-esponent jishaqq li stante li l-Kummissarju tal-Pulizija ma' gab ebda prova sufficjenti li jiggustifikaw ordni fl-ammont li gie ordnat mill-Ewwel Qorti, jew addirittura f' xi ammont iehor partikolari din l-ordni ma tregiex.

Illi minhabba li l-esponent nstab hati mill-ewwel Onorabbli Qorti, skond l-artiklu 23(13) l-Qorti applikat multa addizzjonali ta' erba ewro għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Illi madanakollu peres illi ma sarx apprezzament tal-kwantifikazzjoni ta' taxxa dovuta mill-imputat verso l-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond ir-regoli tal-gurisprudenza, l-esponent jishaq li l-multa addizzjonali ta' erba ewro (€4.00) *per diem* ghandha tigi revokata.

**c. <u>Applikabilita' tal-Artiklu 21 tal-Kap 9</u>**

Illi minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz odjern, fejn l-assi tal-esponent u is-socjeta' Salamader Janitor Services Ltd sfaw fil-mira illecita` tad-direttur Joseph Falzon fejn addirittura kien instab hati ta' proceduri kriminali talli kien immisaproprija il-flus tas-socejta`, u l-konsegwenzjali danni minnu kkreati, l-esponenti jishaqq li minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti f' dan il-kaz seta jkun applikat favur tieghu l-artikolu hawn citat.

Illi meta l-esponent sar jaf bl-agir ta' Joseph Falzon l-esponent keccih minn kull kariga fi hdan il-kumpanija u rrappurtah lil Pulizija. Illi wara dan l-episodju l-esponent kellu jiehu f' idejh il-gestjoni tal-kumpanija sabiex jerggha jqajjem l-istess socjeta' fuq saqajha.

L-esponent filwaqt li pprova jkompli jopera b′ l-ahjar mod li seta′ , madanakollu minhabba li l-esponent u s-socjeta′ qatt ma′ rkupra lura l-assi li kienet tilfet sforz tal-misappropjazzjoni tal-istess mid-direttur ta′ qabel, is-socjeta ma setghet qatt tirkupra.

Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex f′ kaz ta′ htija tapplika l-Artiklu 21 tal-Kap 9 stante li huwa tal-fehemha li jezistu cirkostanzi specjali u eccezzjonali.

Dan il-punt huwa ukoll ikkonfermat stante li l-fatt li l-esponenti kellu jhallas minn butu ghal ghemil ta′ Direttur Joseph Falzon u dan issa qieghed ikompli igorr dan is-saram, u l-fatt li l-esponenti, minkejja dan kollu xorta kompla jezercita d-diligenza tieghu bhala direttur responsabbli, jsib konfort f′ tali dikjaraazjoni fis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab lil Kummissarju tal-Pulizija[3] sabiex jiprocedi kriminalment kontra l-appellant ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Salamander Janitor Services Limited (C 12183) talli naqas li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni l-formoli tat-taxxa (FS3, FS7 u FS5) inkluz kull pagament ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' socjali dovut ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2005, 2006 u 2007. Kien ghalhekk li nharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant

[3] Permezz ta' letter to prosecute li tinsab a fol 8 prezentata fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

li taqra '*ħala direttur tal-kumpanija **Salamander Janitor Services Limited (C 12183)** għas-snin **1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2005, 2006 u 2007** b'diversi atti magħmulin minnhekk, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda inqast li tibgħat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini tal-hawn fuq isemmi artikolu 23 nqast milli tħares id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.*'

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 dwar il-persuna responsabbli. Dan is-subartikolu jipprovdi li:

'*Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab ħatja:*
*Iżda il-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar reat taħt dan is-subartikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq proċedimenti taħt dan is-subartikolu:*
*Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm **min jagħmel ir-reat** ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmijafih.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

L-appellant jissottometti li dawn il-kliem u cioe' l-kliem li din il-Qorti issottolineat u emfasizzat ifissru li r-responsabilta' tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilita' li jottempera ruhu mal-provvediment tali Kap fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. L-appellant ghalhekk jghid li dan ifisser li l-legislatur f'dan il-kuntest ma kienx qieghed jinvoka l-*vicarious liability* ghal kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur fil-mument ta' ksur ta' din il-ligi, anzi l-oppost. Ried il-legislatur li jkun

*prosecutable at law and liable for punishment at law*, dik il-persuna li kienet responsabbli mill-hlas tal-istess somom lid-dipartiment koncernat.

L-appellant jissottometti li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jargumenta li kull persuna li tokkupa kariga ta' direttur, effettivament iggor din ir-responsabbilita', pero skont l-appellant dan huwa zbaljat. Jissottometti li l-insistenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kull min huwa direttur huwa awtomatikament responsabbli, hija pwerili. Jissottometti li meta tinhareg *letter to prosecute* kontra l-bord tad-diretturi kollha ta' kumpannija wahda, fil-mument li wiehed minnhom jassumi r-responsabilta' ta' dak in-nuqqas ta' agir u jammetti, immedjatament jirtiraw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-kumplament tal-membri tal-Bord tad-Diretturi. Jghid li l-istess gara lill-appellant. Jissottometti li huwa pprova sal-grad tal-probabbli li ma kienx huwa l-persuna responsabbli mill-hlasijiet dovuti u wisq anqas mill-mili tal-formoli relattivi. Stante li titratta ta' culpa, l-appellant jghid li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma rnexxilix tilhaq il-livell tal-provi mistenni li uriet certa nonkurazna u/jew traskuragni da parti tal-appellant vis-a-vis l-Kapitolu 372. Jghid li gara l-oppost u li l-appellant ipprova li huwa ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat l-ghemil tar-reat ad oppost tal-culpa lilu attribwita.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tissottolinea li ghalkemm jirrizulta li quddiem l-Ewwel Qorti xehdu s-Supretendent Alexandra Mamo, Amanda Poole in rapprezentanza tal-MFSA, Stefan Azzopardi u l-imputat Anthony Ellul, ix-xhieda taghhom ma gietx traskritta. Nonostante dan huma naqsu milli jergghu jixhdu quddiem din il-Qorti, ghajr ghal Stefan Azzopardi li rega xehed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta. L-imputat ukoll naqas milli jaghti x-xhieda tieghu quddiem

din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrih fuq kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti dwar dak li xehdu x-xhieda u l-imputat u lanqas ma tista' tistrieh fuq notamenti li jinsabu fuq wara tac-citazzjonijiet, gialadarba t-traskrizzjoni tax-xhieda ma tinsabx fl-atti. In oltre' minn imkien fl-atti ma jirrizulta li gewipprezentati l-formoli in kwistjoni ghal perjodi mertu tal-akkuza mir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni nonostante l-fatt li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li dawn gew intavolati izda li l-hlas ma sarx.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismjiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'</u>**[4]:

'*Illi din il-Qorti fliet l-atti proċesswali, minn fejn jirrizulta illi f'dan l-istadju ta' revizjoni nstemghet biss x-xhieda ta' Emanuel Farrugia, impjegat mal-Kummissarju tat-Taxxi u Claudette Fenech, rapprezentanta tal-MFSA, ghalkemm jidher illi quddiem l-Ewwel Qorti kien xehdu ukoll l-appellant in difeza kif ukoll ix-xhieda Winfred Flores u Charles Sciriha, liema xhieda allura din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li tisma'. In oltre kif inhu d-dritt tiegħu, l-appellant ukoll għażel li f'dan l-istadju ma jixhidx quddiem din il-Qorti fejn għaldaqstant jidher li qed jistrieħ fuq il-kontenut tal-appell tiegħu bħala l-linja difenzjonali tiegħu. In vista ta' dan u peress illi d-deposizzjoni tax-xiehda ta' dawn il-persuni ma ġietx traskritta, din il-Qorti mihjiex f'posizzjoni li tikkonsidra dak li huma setgħu qalu matul it-testimonjanza tagħhom, allavolja jidher li l-Ewwel Qorti aċċennat għal dak li xehdu dawn ix-xhieda fis-sentenza tagħha.*'

Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis ix-xhieda ta' Stefan Azzopardi datata l-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Il-kumplament tax-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti ukoll diversament preseduta huma numru sostanzjali ex-impjegati tas-socjeta' Salamander Janitor Services Limited. Stefan Azzopardi spjega li '*F'dawn is-snin*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)

*rrizulta fil-fatt li fil-maggoranza assoluta taghhom s-Sur Anthony Ellul ID 517786 naqas milli jibghat il-pagamenti mensili li suppost kellu jaghmel flimkien mad-dokumenti tal-FS5 ghal dawn is-snin kollha. Bazikament dahlu ftit pagament fuq 1999, 2002, 2003 u 2004 sa 2005. fis-snin l-ohra ma dahlu ebda pagamenti.'* Jghid li llum baqa kollox kif kien. In kontro-ezami mistoqsi kemm kellu impjegati Anthony Ellul, kemm suppost kellha impjegati Salamander Janitor Services wiegeb jghid li fil-file jahseb li ma ghandux id-dokument. Mistoqsi jekk illum id-dipartiment jistax ikun jaf b'xi mod jew iehor, kemm realment hadmu impjegati ma Salamander Janitor Services fis-snin tal-akkuza, xehed li dejjem jimxu fuq id-dokumenti li jircievu in bona fede li jidhlu fid-dipartiment. Jghid li '*Jien li nista nghidlek li ghandi xi kopji hawn hekk ta' FS7s jien dejjem qed nara Anthony Ellul managing director.*' Il-firma ma jistax jghid ta' min hi izda la hemm firma u fuqha hemm Anthony Ellul jiehodha li ta' Anthony Ellul. Ghalkemm ix-xhieda tieghu giet sospiza, huwa qatt ma rega xehed f'dawn il-proceduri. In oltre' d-dokumenti li jaghmel referenza ghalihom dan ix-xhud lanqas ma gewipprezentati fl-atti.

Ghalhekk kull ma jirrizulta hu li sa meta xehed Stefan Azzopardi quddiem din il-Qorti diversament preseduta, kienu dahlu ftit pagamenti ghas-snin 1999, 2002, 2003, 2004 u 2005 li jfisser li ghal kumplament tas-snin mertu tal-imputazzjoni u cioe' 2001, 2006 u 2007 ma dahal l-ebda pagament. Jirrizulta ukoll li quddiem l-Ewwel Qorti giet ipprezentata sentenza datata d-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Alexandra Farrugia Mamo vs Joseph Falzon'**[5] immarkata bhala AM2 fejn minn din is-sentenza jirrizulta li l-imputat f'dik il-kawza u cioe' Joseph Falzon kien ilu impjegat mas-socjeta Salamander Janitor Services limited ghal zmien konsiderevoli fil-kapacita ta' direttur. L-imputat f'dik il-kawza u cioe' Joseph Falzon kien appropja ruhu mill-flus tas-socjeta' bhala kumpens ghal dak li allegatament fil-fehma tieghu kien dovut lilu u dan billi ffirma fuq wara ta' cekkijiet dovuti lil impjegati u zamm il-flus ghalih. Skont dak li jirrizulta minn dik is-sentenza, Anthony Ellul direttur tas-socjeta' li gie defrodat kien wasal f'arrangamet

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tinsab a fol 11 et sequitur.

civili kif ser tithallas lura is-somma flus. Kif gia inghad l-appellant ghalkemm xehed quddiem l-Ewwel Qorti, naqas milli jixhed quddiem din il-Qorti bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda verzjoni moghtija mill-appellant ghajr ghal dak sottomess fl-appell. Lanqas ma jirrizulta li gewipprezentati dokumenti li jixhdu kif u meta l-appellant kien id-direttur tas-socjeta' in kwistjoni. Nonostante dan, ma jirrizultax li huwa kkontestat li l-appellant kien wiehed mid-diretturi tal-Kumpannija tant li fil-parti dedikata ghal fatti fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant issottometta li kien id-Direttur tas-socjeta' u li s-socjeta' kellha zewg diretturi ohra u cioe' Jane Ellul mart l-imputat li rrizenjat minn din il-kariga fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) u certu Joseph Falzon fejn l-appellant kien halla l-gestjoni tas-socjeta' f'idejn Falzon. Fil-parti dedikata ghal fatti tal-appell tnizzel ukoll li Joseph Falzon kien qieghed jimmisappropja flus tal-imputat u tas-socjeta' Salamander Janitor Services Ltd u li l-appellant nehha lil Falzon minn kull kariga li kellu fi hdan is-socjeta', irraportah lil Pulizija u l-Pulizija hadet passi kontra ta' Falzon fis-sena elfejn (2000) u nstab hati fuq ammissjoni tieghu stess. Jissottometti ukoll li l-appellant rega ha f'idejh il-gestjoni tal-kumpanija u prova jkompli jopera bl-ahjar mod li seta' ghalkemm qatt ma rnexxielu jirkupra. Li huwa kkonferma li meta kien qed imexi l-kumpanija, id-dokumenti annwali FS3 u FS7 kien jigu ppreparati minn accountant inkarigat minnu u jintbaghtu ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ma jirrizultax mill-atti min kien dan l-accountant. Is-Supretendent Alexandra Mamo quddiem l-Ewwel Qorti kienet prezentat ukoll sentenza immarkata bhala AM1 fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp Alexandra Farrugia Mamo) vs Walter Ronayne, iben Bartholomew, imwieled Paola fit-23 ta' awissu, 1947'**[6] li fost imputazzjoni ohra, kien akkuza b'falsifikazzjoni tal-firem ta' diversi persuni u diversi impjegati u ex-impjegati tal-kumpanija 'Salamander Janitor Services Ltd' fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. u banek ohrajn u talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza fl-ahhar tas-sena 1997 u matul is-snin 1998 u 1999.

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Gunju, 2000.

Ghalhekk mill-appell tal-appellant jirrizulta li huwa mhuwiex jikkontesta li kien Direttur fiz-zmien in kwistjoni nonostante l-fatt li r-rapprezentant tal-MFSA ma regghetx xehdet quddiem din il-Qorti u nonostante l-fatt li ma gewipprezentati l-ebda dokumenti li jikkonfermaw meta l-appellant kien direttur tal-kumpanija Salamander Janitor Services Limited, dak li qieghed jikkontesta l-appellant hija r-repsonsabbilta'. Din il-Qorti fl-ewwel lok tqis li anke li kieku kellha tilqa' d-difiza tal-appellant li huwa ghamel dak kollu possibli u li kien minhabba li gie defrodat minn Joseph Falzon li l-ammonti li kellhom jithallsu lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma thallsux ad insaputa tieghu, din il-Qorti tqis li s-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija Spettur Alexandra Farrugia Mamo vs Joseph Falzon</u>'** datata d-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) kienet tirrigwarda imputazzjonijiet ta' reati li sehhew fl-ahhar tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) u s-snin elf, disa mija u tmienja u disghin (1998) u l-elf, disa' mija u disgha u disghin (1999). Ghalhekk anke jekk din il-Qorti kellha tqis li dak li sehh fl-elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) kien frott tal-frodi li wettaq id-Direttur Joseph Falzon, din il-Qorti xorta jibqala biex tikkunsidra s-snin l-ohra mertu tal-imputazzjoni. Din il-Qorti tqis li jekk l-appellant fis-sena elfejn (2000) kien jaf li gie defrodat minn Joseph Falzon, kien jispetta lill-appellant qua direttur li jiehu l-mizuri necessarji sabiex jizgura li r-records mad-Dipartimenti koncernati kienu korretti u li jottempera ruhu mal-ligi u mal-obbligi fiskali.

Maria Louise Axiaq wahda mill-impjegati li xehdet fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjegat li l-appellant kien il-'*boss*' taghha u li Joe Falzon jidhrilha li kien il-General Manager '*Kien jehodlu hsieb hafna, kollox hu. Sort of.*' Xehdet li '*Jiena kont nghaddi r-report, l-FS 5 lil Mr. Ellul. Li mbghad ma' nafx x' kien isir minnu. Jiena kont nghaddi c-cekkijiet u kollox, mhux certa ghax issa ghadda hafna zmien, jekk kontx nghaddihom lil Mr. Joe Falzon jew lil Mr. Ellul.*' Hija kienet tiprepara c-cekkijiet wara li jaslulha s-sieghat u li '*generalment kienu jghadduhomli jew xi superivosr jew hafna drabi anke Mr. Joe Falzon stess.*' Tghid li '*jidhirli Mr. Falzon, sakemm ma' kienx ikun hemm xi haddiema li jghiduli: "Halli c-cekk hemmhekk u ha nigbru," kien jiehu hsieb li jitqasmu c-cekkijiet fid-dipartimenti.*' Ic-cekkijiet ghal N.I. u ghall-Inland revenue kienet

tipreparahom hi ukoll. Il-payroll kien f'idejha ghalkemm ma kinitx firmatarja. Hija spjegat kif darba indunat b'xi irregolarita' meta wara li cemplet l-isptar tistaqsi fuq haddiem partikolari, s-Supervisor qalilha li kien ilu li telaq minn maghhom. Umbghad kienet kelmet lis-Sur Ellul u li '*he was very shocked*'. Kienet sabet li kienet hargulu aktar payslips, ma kienx qieghed jahdem maghhom u c-cekk hareg xorta. Tahseb li l-incident kien ghal habta ta' Dicembru 1998 jew Jannar 1999. Tghid li kien hemm okkazzjoni ohra fejn persuna kienet qieghda tinhariglu paga, tissarraf u li hu ma jaf xejn biha, fejn wara li bghatitlu FS3 huwa baghat lis-Sur Ellul jistaqsih jekk kinitx cajta.

Xehdu ammont kbir ta' impjegati, b'uhud minnhom jgharfu lill-imputat u ohrajn li ma gharfuhx. Ex-impjegat iehor u cioe' Louis Agius li xehed fis-seduta fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) li kien jahdem mas-socjeta' bejn is-sena 1886 sa 1999 xehed fost affarijiet ohra li d-dirett superjur tieghu kien Joseph Falzon u li s-Sur Ellul kien l-*owner* tal-kumpanija. Victor Delceppo li xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li jahseb li ghamel madwar ghaxar (10) snin jahdem mal-kumpanija fejn kien operations u anke general manager spjega li darba kienu qed jaghmlu l-pagi u kien prezenti u induna li kien hemm xi ismijiet ta' haddiema li ma kienux jahdmu maghhom. Ikkonferma li s-Sur Tonu Ellul huwa d-direttur u li kkonferma li kien jiehu l-ordnijiet minghand is-Sur Ellul. Mistoqsi jekk kienx kellem is-Sur Ellul dwar li kien hemm haddiema li ma ghandhomx maghhom per' qed jinhargu s-salarji ghalihom, xehed li kellem lis-segretarja tal-Kumpanija, Louise, li tigi minnu, dak iz-zmien ma kienx general manager u peress li hija tal-familja, ddecidew li tkellmu hi bl-affari. Ghalhekk jirrizulta li kien hemm irregolaritajiet fis-sens fejn persuna li ma jkunux ghadhom impjegati, jibqghu jidhru bhala impjegati u tinhareg il-paga. Din il-Qorti tqis li din hija parti mid-difiza tal-appellant fis-sens li r-records kienu juru li persuni ghadhom impjegati meta dawn ma kienux ghadhom impjegati mas-socjeta'. Id-difiza ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza kontra Joseph Falzon li din il-Qorti ghamlet referenza ghaliha. Kif gia kkunsidrat minn din il-Qorti, l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Joseph Falzon kienu jirrigwardaw l-ahhar tas-sena 1997, u s-snin 1998 u

1999 filwaqt li s-snin mertu tal-kawza odjerna jirrigwardaw l-1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2005, 2006 u 2007.

Din il-Qorti sejra tqis min f'ghajnejn il-ligi huwa responsabbli ghal dan il-hlas.

Is-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*(1) Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt l-artikolu 4(1)(a), (b) jew (d) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jew xi income hekk kif jista' jiġi preskritt, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, tnaqqas it-taxxa minnu f'dak l-ammont u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt skont dan is-subartikolu jew skont kull disposizzjoni oħra tal-Atti dwar it-Taxxi.*
*(2) Kull taxxa mnaqqsa kif meħtieġ skont is-subartikolu (1) għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmienli jista' jiġi hekk preskritt.*'

Dan l-artikolu ghalhekk ipoggi l-obbligu fuq il-persuna li thallas taxxa fuq l-income, li tnaqqas it-taxxa dovut fuq l-ammont u tghaddih lil Kummissarju tat-Taxxa fiz-zmien preskritt.

L-artikolu 15 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 u cioe' ir-Regoli ta' l-1998 dwar Final Settlement System (FSS) jipprovdi li:

'*(1) **Kull pagatur għandu**, sal-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar li jiġi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.*
*(2) Ir-rimessa li hi dovuta li ssir lill-Kummissarju taħt il-paragrafu (1) ta' din ir-regola għandha tintbagħat mill-pagatur flimkien ma' dak it-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata fuq il-formola msemmija fir-regola 20 ta' dawn ir-regoli li għandha timtela u tiġi ffirmata mill-pagatur.*

*(3) Jekk ir-rimessa meħtieġa li ssir skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola ma tasalx għand il-Kummissarju sad-data dovuta, jew inkella, jekk l-ammont imħallas ikun inqas minn dak li kien dovut li jitħallas, il-Kummissarju għandu jiddeċiedi skond l-aħjar fehma tiegħu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa li kellu jitħallas mill-pagatur u jinnotifikah b'avviż ta' nuqqas ta' tħaris skond ir-regoli 24 ta' dawn ir-regoli li bih jitolbu jħallas, b'żieda ma' kull taxxa addizzjonali imposta bl-istess avviż, l-ammont jew id-differenza, skond il-każ, f'dak iż-żmien li jiġi hekk indikat f'dak l-avviż.'*

"pagatur" f'dan l-Avviz Legali ifisser '*kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi Dipartimenti tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom;*'

Illi ghalhekk ir-responsabbilta' tal-pagament u l-intavolar tal-formoli taqa' fuq il-pagatur u ghalhekk fuq dak li jkun qieghed ihaddem. Minkejja li ma gewx pprezentati kopji ta' kuntratti ta' impjieg, l-appellant mhuwiex jikkontesta li kien wiehed mid-Diretturo. Ghalhekk bhala Direttur huwa responsabbli ghal hlas tat-taxxa tal-*income* lil Kumissarju tat-Taxxa li tinqata mill-paga tal-impjegat.

B'referenza ghar-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) tal-Avviz Legali 88 tal-1998, fis-sentenza fl-ismjiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'**[7] gie kkunsidrat li:

'*Skond dawn id-disposizzjonijiet allura kull principal li jħaddem persuna jew persuni irid jaċċerta ruħu li jibgħat dawn il-formoli fit-termini preskritt skont il-ligi bil-ħlasijiet rispettivi skond il-kalkoli magħmula, lid-dipartiment ikkonċernat. L-inadempjenza ma' dawn l-obbligi fiskali jwassal sabiex il-persuna responsabbli tirrendi ruhha ħatja ta' reat taħt dawn id-disposizzjonijiet kif ukoll taħt il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Il-legislazzjoni Sussidjarja 372.14 tiddefinixxi "pagatur" bhala:

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)

'*kull persuna li tħallas l-emolumenti jew li titqies li tħallas l-emolumenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(1)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income jew ta' regoli magħmulin taħt dak il-paragrafu, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi dipartimenti tal-gvern, persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom;*'

Ir-regolamenti 29 u 30 ta' din il-Legislazzjoni Sussidjarja jipprovdu li:

'*29. Meta żewġ persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew imposti fuqhom solidalment.*

*30. Il-manager, uffiċjal prinċipali ieħor jew stralċjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli għal kull ħaġa li tkun meħtieġa li ssir taħt dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni*'

Dwar dan, fl-istess sentenza fl-ismijiet fis-sentenza fl-ismjiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'**[8] gie kkunsidrat li:
'*Dan ghaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-manager, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil'**[9] gie kkunsidrat li:

'*Huwa pacifiku u inkontestat li l-imputat Antonio Busuttil kien direttur tas-socjetà Marsalite Limited matul is-snin indikati fl-akkuza. Hu wkoll pacifiku u inkontestat illi bhala direttur, l-imputat Busuttil kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)

*d-denunzji tat-taxxa u l- hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza – xi haga illi huwa naqas milli jaghmel.*

*Il-fatt illi huwa kien qed jiehu hsieb is-sales u kien hemm haddiehor jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija ma tbiddilx din is-sitwazzjoni. L-arrangamenti interni fil-kumpanija hija xi haga personali tad-diretturi u ma taffettwax id-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta xi nuqqasijiet fil-kumpanija. Ghalhekk huwa inutli illi l-imputat jargumenta illi huwa kien fuq sales jigri barra u l-gestjoni tal-kumpanija kienet f'idejn haddiehor u li qatt ma ssemma xi problemi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-laqghat li kien ikollhom tal-kumpanija peress illi dawn huma affarijiet interni tal-kumpanija li ma jaffettwawx id- dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta nuqqas ta' hlasijiet dovuti lill-Kummissarju.'*

L-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghalkemm mhux fl-appell tieghu, jaghmel sottomissjonijiet dwar l-applikabbilita' tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Dan l-artikolu jaqra li:

'*Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:*
*Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni litinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.*'

L-appellant jissottometti li persuna ghandha tinstab hatja biss jekk matul dan iz-zmien huwa kien konxju li kien qed isir dan ir-reat u naqas milli jezercita d-diligenza xierqa. Jissottometti li l-gestjoni tal-kumpannija kienet fdata primarjament f'idejn is-Sur Joseph Falzon sakemm l-imputat intebah li dan tal-ahhar kien qieghed jimmisapproprja il-flejjes tal-istess socjeta' u nehha lil Falzon minn kull kariga fi

hdan is-socjeta' u rraportah lil Pulizija bil-konsegwenza li ttiehdu proceduri kontra ta' Falzon fis-sena elfejn (2000) u huwa nstab hati fuq ammissjoni tieghu stess. Jghid li tenut kont tal-ingann da parti tas-Sur Falzon, l-appellant ghandu jigi ezonerat minn kwalsiasi responsabbilta' kriminali in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta stante li s-Sur Falzon b'mod diskrett u b'intenzoni malizjuza naqas li jgharraf lill-appellant li d-denunzji tat-taxxa mhux qeghdin jigu pprezentati u l-hlas tat-taxxi u bolol mhux isiru. L-appellant jissottometti li appena li ntebah l-appellant huwa ghamel hiltu biex jerga jqajjem lis-socjeta' fuq saqajha u jevita li jkompli jigi vjolat il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li minkejja diversi sforzi minn naha tal-appellant sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi in materja ta' taxxa, is-sitwazzjoni kienet diga fi stat prekarju stante li finanzjarjament ma setax ilahhaq mal-multi amministrattivi, partikolarment minhabba l-*late return penalties* u l-*late payment penalties* li bdew jakkumulaw.

L-appellant fin-nota ta' sottmissjonijiet tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs Jeanne Borg'**[10] fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi l-appellanta dejjem saqhet li hi ma kellhiex il-gestjoni tas-socjeta' imsemmija. L-unika haga li ghamlet hi li gibdet l-attenzjoni ta' Joseph Balzan li kellhu jottempera ruhu mal-ligi. L- appellanta lanqas ma kienet firmatarja tal-kont jew kontijiet bankarji tas-socjeta' u il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li hi kienet involuta f'xi mod fil-gestjoni ta' l-istess. Fil-fatt min imkien ma jirrizulta li l-appellanta ffirmat xi dokument li torbotha mal-gestjoni ta' din is- socjeta'. Frankament, izjed minn hekk l-appellanta ma setghetx taghmel u ir-rizenja taghha minn direttur kif ukoll minn "company secretary" huma xhieda ta' nuqqas ta' trasparenza fl- amministrazzjoni tas-socjeta' u ukoll nuqqas ta' djalogu fi hdan il-bord tad-diretturi.*

*Illi meta wiehed janalizza l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-Interpreatazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm ebda dubju li r-reat askritt lill-appellanta sar minghajr it-taghrif taghha u fil- fehma ta' din il-Qorti hi ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Wiehed ma jridx jinsa dak li nqal hawn fuq li Joseph Balzan, li hu l-"managing director" tas-socjeta' ikkonsenja id-dokumenti lid-dipartiment fis-sena 2011.*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Ottubru, 2017 (Appell numru: 281/2012)

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanta ma kellha ebda kontroll tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq il-finanzi tas-socjeta'. Makellha ebda kontroll fuq il-pagamenti tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq l-impjegati tas-socjeta' u ma kellha kontroll ta' xejn ta' din is-socjeta'.'*

Skont l-appellant il-fattispecje tal-kaz jimmeritaw l-applikazzjoni tal-artikolu 13 b'tali mod li huwa ghandu jigi ezonerat minn kull responsabbilta' kriminali taht il-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal-istess sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil'**[11] fejn gie kkunsidrat li:

*'F'dan il-kaz l-imputat qieghed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-artiklu 13 tal-Interpretation Act illi ghamel minn kollox sabiex huwa jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi kwalunkwe kaz ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. Din il-Qorti taghmilha cara illi l-Interpretation Act ma tistax tigi applikata ghal din il-ligi peress illi din hija ligi specjali illi tkopri mizuri fiskali tal-Gvern u ghalhekk hija din il-ligi illi ghandha tigi applikata u mhux l-Interpretation Act. Direttur ta' kumpanija, sew jekk ikun fl- amministrazzjoni, sew jekk ikun fuq is-sales, ghandu l-obbligu illi jassigura illi d-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigu osservati u mhiex skuza illi tghid illi kien hemm persuna partikolari sabiex tiehu hsieb l- amministrazzjoni u d-dokumenti tas-socjetà. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ticcensura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghazel illi jfittex lill-imputat ghal dawn ir-reati flok direttur iehor.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'**[12] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-appellant izda jikkontendi illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli ghall- obbligi fiskali kif hawn fuq imfissra u dan ghaliex kien id-direttur Nazzareno Cauchi li kien responsabbli għall-amministrazzjoni u għall-aspetti finanzjarji tal-kumpannija. Jishaq illi hu kien biss responsabbli għal aspett ta' manifattura u kien biss lejn l-aħħar meta s-sitwazzjoni finanzjarja kienet waħda prekarja, li l-appellant kien indaħal sabiex jipprova jsolvi il-*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)

*pendenzi fiskali, inkluz allura li isiru l-prospetti tal-FSS kif ukoll li jsir il-hlas relattiv. Jishaq inoltre illi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta taghtiħ komfort u essenzjalment teżoneraħ mir-responsabbilta' penali għar-raġunijiet imfissra minnu u kwindi ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta stqarret li l-artikolu 13 tal- Kapitolu 249 ma japplikax għal dan il-każ in vista tal-fatt li skond l-Ewwel Qorti l-liġi tat-taxxa hija ligi specjali li tissupera d-disposizzjonijiet generali li jirregolaw is- socjetajiet kummercjali.*

*Illi huwa bil-wisq evidenti mid-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq iccitati illi l- appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju minnu intentat. Ir-responsabbilta tal- "pagatur" tohrog mill-ligi specjali li tirregola il-Final Settlement System. Illi fuq kollox d-decizjoni mpunjata ma ghamlitx referenza ghad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, izda strahet fuq il-gurisprudenza u d-duttrina li titkellem dwar ir-responsabbilita' penali tad-direttur ta' socjeta' kummercjali u dan meta fost ohrajn issir referenza ghad-decizjoni Il-Pulizija vs Antonio Busuttil deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-06 ta' Dicembru 2012, fejn kienet involuta l- istess socjeta' kummercjali.*

*Dan ghaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-manager, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali. Gjaldarba jirrizulta illi l-appellant kien wiehed mid- diretturi tas-socjeta' mertu tal-kaz, kwindi ir-responsabbilta penali kienet taqa' fuqu ukoll tant illi l-ligi tqiesu personalment responsabbli u in solidum mad-diretturi l-ohra ghal hlasijiet kollha dovuti lill-Kummissarju.'*

Din il-Qorti ghalhekk ma taqbilx mal-appelalnt fejn fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jissottometti li l-appellant ipprova sal-grad tal-probabli kif effettivament ma kienx hu l-persuna responsabbli ghal materji ta' natura fiskali tas-socjeta' kummercjali *de quo* u wisq anqas allura ghal mili tal-formoli tat-taxxa relattivi. Minkejja li l-appellant ma regax xehed quddiem din il-Qorti, mill-appell tieghu jirrizulta li huwa kien wiehed mid-Diretturi u li rega ha l-gestjoni tal-kumpanija wara li l-appellant irraporta lil Joseph Falzon lil pulizija u hadu passi kontrih. Din il-Qorti tqis li la darba mhuwiex ikkontestat li l-appellant kien direttur tas-socjeta'

Salamander Janitor Services Ltd fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni huwa kien ukoll responsabbli ghall-obbligi fiskali.

Kif ikkunsidrat, l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni mhuwiex applikabbli, izda **anke jekk ghal grazzja tal-argument biss u xejn aktar**, kellu japplika l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, dan l-artikolu jista' jitqies biss ghal dak li jirrigwarda s-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) li kienet wahda mis-snin mertu tal-imputazzjonijiet li Joseph Falzon instab hati u fejn l-appellant setgha ma kienx konnoxenti li l-pagamenti ma bdewx jaslu f'idejn id-Dipartiment minhabba r-reati li kien qieghed jikkometti Falzon ad insaputa tal-appellant. L-istess izda ma jistax jinghad ghal kumplament tas-snin fejn ghalhekk l-appellant kien konnoxxenti li gie defrawdat minn Falzon u li ghalhekk kellu responsabilta sabiex jintavola l-formoli kif ukoll jaffetwa l-hlas fis-snin l-ohra mertu tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. L-appellant fit-tieni aggravju jaghmel sottomissjonijiet dwar in-nuqqas ta' prova fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tat-taxxa dovuta. L-appellant jissottometti li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni naqas milli jgib prova mill-ETC fir-rigward ta' kemm kien hemm haddiema registrati ma Salamander Janitor Services ltd fis-snin indikat fic-citazzjoni u kemm effettivament damu hemm jahdmu. Jissottometti li la d-dipartiment u lanqas l-appellant ma jistghu jikkwantifiaw l-ammont dovut u dan frott il-frodi li sehhet da parti ta' Falzon. Jissottometti li sabiex il-Qorti tordna li l-appellant ihallas ammont dovut lil Kummissarju tat-Taxxi interni dan irid ikun kwantifikat sal-inqas centenzmu filwaqt li aktar il-quddeim jissottometti li la ma sarx apprezzament tal-kwantifikazzjoni ta' taxxa dovuta mill-imputat versu l-Kummissarju tat-Taxxi interni, jishaq li l-multa addizzjonali ta' erba' ewro *per diem* tigi revokata. Dan l-aggravju tressaq abbazi li l-appellant jissottometti li din li l-frodi kienet proprju li Falzon kien qieghed jimpjega n-nies pero' meta l-impjieg taghhom jispicca ma kienx qieghed jirregistra tali tmiem ta' impjieg u xorta wahda baqa johrog ic-cheque tal-pagi taghhom pero sabiex jdahhal f'butu huwa stess *ossia* Falzon. Jisottometti li sabiex l-Qorti tordna lill-appellant ihallas l-ammont dovut lil Kummissarju tat-Taxxi Interni, dan irid ikun kwantifikat sal-inqas centenzmu.

Ikkunsidrat;

Stabbilit li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni korrettament talab sabiex il-Pulizija tipprocedi kontra l-appellant in vista li l-appellant kien wiehed mid-Diretturi fiz-zmien mertu tal-imputazzjonijiet u ghalhekk kien responsabbli ghall-intavolar tal-formuli u ghal hlas ta' taxxi, din il-Qorti sabiex tistabilixxi jekk setghetx l-Ewwel Qorti ssib htija trid tqis jekk giex sufficentement ippruvat li l-hlas ta' taxxa li kellu jsir baqa' ma sarx u/jew li l-formuli in kwistjoni baqghu ma gewx intavolati.

Skont dak li jirrizulta mill-letter to prosecute a fol 8 tal-atti, il-Kummissarju tat-taxxi interni allega li l-appellant naqas milli jibghat lill Kummissarju tat-Taxxi Interni l-formoli tat-taxxa FS3, FS7 u FS5 inkluz kul pagament ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta sigurta' socjali dovuti ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2005, 2006 u 2007. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li '*mill-provi jirrizulta li d-dokumenti annwali (FS3 u FS7) li kellha tibghat is-socjeta Salamander Janitor Services Limited fis-snin indikati fic-citazzjoni, ai termini tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, kollha gew prezentati lill-Kummissarju tat-Taxxi hlif ghal dik tas-sena 2001 li giet prezentata diversi snin wara; l-ohrajn kollha gew prezentati bejn wiehed u iehor fiz-zmien stipulat fil-Ligi. Jirrizulta ukoll pero li ghalkemm id-dokumenti gew prezentati t-taxxa korrispondenti (li suppost kienet tihallas ta' kull xahar flimkien mad-dokument maghruf bhala FS5) ma thallsitx (hlif ghal hames pagamenti) u ghadha pendenti sa' llum.*' Dan huwa dak li jirrizulta mis-sentenza appellata, izda kif gia inghad ix-xhieda tax-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx traskritta u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex f'pozizzjoni tikkonferma dan. Jirrizulta izda li meta xehed Stefan Azzopardi quddiem din il-Qorti diversament preseduta huwa xehed li dahlu ftit pagamenti ghas-snin 1999, 2002, 2003, 2004 u 2005 li jfisser li ghal kumplament tas-snin mertu tal-imputazzjoni u cioe' 2001, 2006 u 2007 ma dahal l-ebda pagament. Jirrizulta li xehdu ammont kbir ta' ex-impjegati quddiem din il-Qorti b'uhud minnhom ma jiftakrux meta hadmu, uhud kbir minnhom li hadmu qabel is-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999), ftit minnhom li hadmu wara is-sena elfejn (2000) u ghalhekk fiz-zmien mertu tal-

imputazzjonijiet, uhud li hadmu fuq bazi *parti time* u ohrajn fuq bazi *full time* filwaqt li uhud mill-impjegati anke xehdu li ghandhom bollol mhux imhallsa. Jirrizulta li impjegata tnizzlet bhala *part time* meta fir-realta' hadmet fuq bazi *full time* ghal zmien differenti minn dak registrat. Minkejja l-ammont kbir ta' ex-impjegati li xehdu, wara x-xhieda taghhom baqa' ma tela jixhed l-ebda rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni sabiex jixhed dwar dak li d-Dipartiment kien ghadu jinsisti li huwa dovut. Kif gia inghad minkejja li l-Ewwel Qorti qieset li l-formoli gew ipprezentati lid-Dipartiment, quddiem din il-Qorti la gew prezentati dawn il-formuli bhal kif lanqas ma gie prezentat rendikont ta' dak li d-dipartiment qieghed jsostni li huwa dovut bhala taxxa u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali.

Fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) gie vverbalizzat li:

'*Dr. Azzopardi nforma lil Qorti illi in segwitu tas-smiegh ta' dievrsi xhieda, id-dipartiment koncernat kellu jghamel revizjoni dwar dak li l-appellant ghandu jghati bhala bollol tal-impjegati.*
*Il-Qorti tordna lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiehu konjizzjoni ta' dan il-verbal bl-intendimet li sas-seduta li jmiss jidher rapprezentant tieghu sabiex jinforma l-Qorti fie wasal dal-ezercizzju.*'

Din il-Qorti kienet ordnat komunika lid-Direttur tat-Taxxi Interni, Marvin Gaerty.

Sussegwentement is-seduta ta' wara kienet giet differita stante li l-Qorti kif preseduta kienet indisposta filwaqt li sussegwentement Dr Azzopardi fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ghad-difiza informa lil Qorti li hemm possibilita' li l-appellant jasal ghal ftehim mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u sussegwentement l-appell intbaghat ghan-noti ta' sottomissjonijiet. Ghalhekk jirrizulta li wara l-ezercizzju li sar minn din il-Qorti diversament preseduta fejn instemghu numru sostanzjali ta' ex-impjegati, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tat-

Taxxi Interni baqa' ma  xehdx u ghalhekk baqa mhux maghruf dak li d-Dipartiment ghadu jsostni li huwa dovut mill-appellant.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni tenut kont tal-fatt li x-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti salv ghal Stefan Azzopardi baqa' ma xehdux bhal kif lanqas xehed rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni in segwitu tax-xhieda tal-impjegati, ma rnexxielıex tipprova sufficentement l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant. In oltre' il-formoli in kwistjoni lanqas ma gew ipprezentati mill-Prosekuzzjoni sabiex jigi stabbilit dak li gie sottomess lid-Dipartiment. Ghalhekk din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant fuq nuqqas ta' provi, dan izda minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jistitwixxi proceduri Civili fil-konfront tal-appellant u/jew persuni ohra li kienu responsabbli ghal hlas ta' taxxi u/jew kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali fil-perjodu in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet imfissra f'din is-sentenza,  thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Imhallef
Vera Kopja

Franklin Calleja
Deputat Registratur